# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 30 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 67/01 AJD*

Globe Insurance Brokers Ltd.

vs

Jonathan Ellul

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Jannar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm221.57) rappresentanti premium fuq polza ta' assikurazzjoni ghal karozzi numru 62676501001, liema ammont gie mitlub izda baqa' ma thallasx.
Bl-ispejjes, u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Marie Claire Mifsud li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm221.57) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR